

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 175/2009

tal-5 ta' Marzu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2009/175/CFSP li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/CFSP dwar l-Iraq ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Konformememt mar-Riżoluzzjoni 1483(2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà, l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq ⁽²⁾ stabbilixxa arranġamenti speċifiċi dwar ħlasijiet għal żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali esportati mill-Iraq, filwaqt li l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament għamel arranġamenti speċifiċi dwar l-immunità mill-proċedimenti legali għal xi assi Iraqini. Dawn l-arranġamenti speċifiċi applikaw sal-31 ta' Diċembru 2008.
- (2) Ir-Riżoluzzjoni 1859 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Pożizzjoni Komuni 2009/175/CFSP jipprovdu li

l-arranġamenti speċifiċi għandhom it-tnejn jiġu applikati sal-31 ta' Diċembru 2009. Huwa għalhekk xieraq li r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat f'dan is-sens.

- (3) Biex jiġi garantit li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Artikoli 2 u 10 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2009."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Marzu 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ŘÍMAN

⁽¹⁾ Ara paġna 28 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.